## Frenċ ta' l-Għarb - 1



Sensiela ġdida ta'
Angelo Xuereb

# *Min kien Frenċ tal-Għarb?*

Frenċ tal-Għarb twieled fil-1892 u miet fil-1967. Ħajtu kienet waħda sempliċi: dik li jaħdem fir-raba' u jagħmel il-ġid bil-mezzi li kien jista'. Madankollu tifkiritu għadha ħajja f'bosta Maltin u Għawdxin. Nistgħu ngħidu li huwa kien il-bidwi li stħajluh tabib.

Ix-xogħol ta' Frenċ kien ta' bidwi. Dak iż-żmien ma kienx hawn l-għodod tal-lum, u għalhekk ix-xogħol fir-raba' kien aktar diffiċli. Anke meta kiber fil-popolarità, meta kien jfejjaq permezz tal-ħxejjex, huwa baqa' jmur jaħdem fil-għalqa. Però, kieku kellna nistaqsu: għaliex il-memorja tiegħu baqgħet daqshekk magħna?, ir-risposta toħroġ waħidha. Frenċ tal-Għarb ħabb il-Madonna ta' Pinu, qatt ma fittex il-popolarità, kien jitlob u dejjem kien jagħmel, kif kien jista', ġid materjali kif wkoll spiritwali lill-proxxmu tiegħu.

Fil-lingwa Latina hemm proverbju li jgħid "Ħadd ma jista jagħti minn dak li m'għandux". U hekk jiġri f'kull bniedem. U Frenċ tal-Għarb kien wieħed minn dawk li kellu maħżuna ġo fih imħabba lejn Alla u lejn il-Madonna ta' Pinu, kif ukoll ħeġġa biex jgħin lill-proxxmu.

Għalkemm Frenċ tal-Għarb għex qabel il-Konċilju Vatikan II, nistgħu ngħidu li huwa kien qiegħed jgħix l-ispiritwalità lajkali kif imħabbra mill-Konċilju. Minkejja li ħafna nies kienu jmorru għandu, hu baqa' jmur għax-xogħol tiegħu tal-għalqa. Iżda huwa ma waqafx hemm biss. Huwa għamel kull ma seta' u kull ma nebbħu Alla għall-akbar glorja tal-Mulej.

Huwa għamel kull ma seta' biex is-Saltna t'Alla tikber. Kellu l-proġett tal-*Via Sagra* fuq t'Għammar; għen permezz ta' pariri materjali u spirtwali lil dawk kollha li rrikorrew għandu; u fuq kollox kien bniedem ta' ħajja nterjuri u talb. Darba lil waħda mara qalilha: "Aħjar li l-bniedem ibati għomru kollu, milli jagħmel dnub mejjet wieħed".

Ma kienx bniedem perfett, iżda bil-mod rebaħ ukoll id-difetti fil-karattru tiegħu. In-nies inġibdet warajh għax raw fih bniedem mimli bl-ispirtu t'Alla, imħeġġeg biex jagħmel il-ġid. Infatti, nistgħu ngħidu li huwa għandu l-mertu li kien wieħed minn ta' l-ewwel li beda jagħmel iljieli ta' talb fil-pubbliku f'postijiet differenti.

Frenċ tal-Għarb għandu messaġġ spiritwali għall-bniedem tal-lum. Kull xogħol ġej minn Alla. Għalhekk, meta il-bniedem ikun qiegħed jaħdem, hu jissieħeb fil-pjan t'Alla. Iżda max-xogħol tiegħu ta' kuljum li jrid jagħmel, Frenċ tal-Għarb jgħallimna li għandna nagħmlu l-ġid materjali u spiritwali possibbli lill-proxxmu tagħna.